TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 30/15/ MS**

**Joseph Debono u Louise Tanti**

**vs**

**Platinum International (Malta) Ltd.**

Illum 13 ta' Lulju 2015,

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-avviz fl-ismijiet fuq premessi tas-6 ta' Frar 2015, fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni tas-somma ta' elfejn mija u hamsin Euro (€2,150.00) mhallsa minnhom bhala prezz ta' membership package intitolat *'rediscover the world'* mibjugh lilhom mis-socjeta' intimata.

Wara li iffirmaw il-kuntratt fil-31 ta' Marzu 2014 u ghadda l-*cooling off* period imsemmi fl-istess kuntratt, ir-rikorrenti irrejalizzaw illi dak illi gie imwieghed ma kienx ser jigi provdut mis-socjeta' intimata.

Wara li s-socjeta' intimata rrifjutat li tirtira mill-kuntratt, ir-rikorrenti istitwew din il-kawza.

Illi s-socjeta' intimata wiegbet, fost affarijiet ohra, illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni peress illi klawsola 19 tal-istess kuntratt jippreskrivi illi f'kaz ta' disgwid, il-vertenza kellha tigi kkunsidrata minn arbitru skond il-ligijiet ta' Malta, peremzz tal-Malta Arbitration Centre.

Illi r-rikorrenti qeghdin jargumentaw illi din il-kundizzjoni mhijiex legalment valida u invokaw favur taghhom l-artikolu 44(2)(cc) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra n-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Qabel it-Tribunal ma ighaddi biex jikkunsidra l-mertu, jrid jiddisponi minn din l-eccezzjoni preliminari imqajma mis-socjeta' konvenuta u ghal dan il-ghan, talab il-partijiet jipprezentaw l-argumenti taghhom permezz ta' noti li gew ipprezentati u qeghdin fl-atti.

**Ikkunsidra**

Illi l-artikolu 44 tal-Kap 378 ighid illi ma jistghu jidhlu ebda kondizzjonijiet li " jeskludu jew ifixxklu d-dritt li ghandu l-konsumatur li jiehu azzjoni legali jew li jezercita' xi rimedju legali iehor, b'mod partikolari billi jehtiegu lill-konsumatur li jiehu xi kwistjoni ghall-arbitragg li ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni tal-ligi, biex b'hekk jirrestringi l-evidenza li jkollu f'idejh jew jimponu fuqu l-oneru tal-prova li, skond il-ligi li tkun tapplika, ghandu jinkombi fuq il-parti l-ohra fil-kuntratt."

Illi ma hemmx dubju illi l-kliem dispositiv f'dan l-artikolu huwa ' ... li ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni tal-ligi..."

Il-klawzola invokata mis-socjeta' intimata tirreferi ghal proceduri quddiem ic-Centru tal-Arbitragg ta' Malta. Dana huwa Centru imwaqqaf bil-ligi, bil-proceduri partikolari intizi sabiex jipprotegu drittijiet ta' konsumatur minghajr ikollu ghalfejn jirrikorri ghal formalita' ta' Qorti ordinarja. Ghalhekk dan ic-Centru ma jistax jitqies li huwa barra xi disposizzjoni tal-ligi u zgur illi ma jistax jitqies li jirristringi l-evidenza ta' xi parti jew ohra li titressaq il-quddiem. Il-proceduri quddiem dan ic-Centru ghandhom l-assikurazzjonijiet kollha ta' gustizzja naturali fosthom dak ta' audi alteram partem u arbitru li jkun appuntat u miftiehem bejn iz-zewg partijiet. Dawn il-kwalifiki jaghmlu lic-Centru wiehed legali ghal kull fini u effetti tal-ligi u ghalhekk ma hemm l-ebda pregudizzju ghal xi parti jew ohra illi jinvokaw dan it-Tribunal meta jkun hekk miftiehem. Ma saret l-ebda prova mill-atturi illi huma ma kienux jafu x'qeghdin jiffirmaw. Ladarba hemm il-firma taghhom fuq il-kuntratt u ladarba l-cooling off period inghata regolarment, il-presunzjoni hi illi bhala bonae patri familiae, l-atturi iffirmaw il-kuntratt 'with all due diligence.'

Illi t-Tribunal ghalhekk jidhirlu illi c-Centru Malti tal-arbitragg, kif inhu inwaqqaf bil-ligi, ma jaqax taht id-disposizzjoni (cc) tal-artikolu 44 (2) tal-Kap 378 u kwindi l-partijiet kienu liberi u ma kellhom l-ebda xkiel legali sabiex jadixxu dan ic-Centru.

L-atturi ghazlu illi jwarrbu dan ic-Centru u jmorru direttament quddiem dan it-Tribunal - li skond ir-rikorrenti huwa Tribunal specjali, mahluq b'ligi specjali u ghalhekk, skond huma, l-ghazla dwar fejn ghandhom jintavolaw l-azzjoni kienet f'idejhom. It-Tribunal, bir-rispett, ma jaqbilx. Huwa daqstant 'specjali' it-Tribunal tal-Arbitragg. Bir-rispett, l-atturi ma setghux jaqbdu u jintavolaw kawza quddiem dan it-Tribunal minghajr ma l-ewwel josservaw skrupolozament it-termini pattwiti fl-artikolu 19 tal-kuntratt bejniethom. Il-fatt illi t-Tribunal huwa Tribunal specjali, mahluq b'ligi specjali ma jbiddel xejn mill-fatt illi r-rikorrenti ghamlu l-ghazlu taghhom taht ligi specjali iehor biex jahtru arbitru f'kaz ta' disgwid bejniethom. Terga' ma saret l-ebda ittra min-naha tar-rikorrenti illi giet rifjutata min-naha tal-intimati ghal hatra ta' arbitru u dan ipoggihom fi ksur ta' disposizzjonijiet kuntrattwali li minnha ir-rikorrenti ma jistghux jiehdu vantagg.

Id-disposizzjoni kuntrattwali imsemmija hija wahda legali, tirreferi ghall-istituzzjoni legali u ghalhekk ir-rikorrenti kellhom l-ewwel obbligu illi jadixxu il-dak ic-Centru u mhux dan it-Tribunal. Fir-riposta taghha, s-socjeta' intimata ghamlitha cara illi dan it-Tribunal m'ghandhiex gurisdizzjoni li jisma dan il-kaz u allura ma jistax jifhem ghalfejn ir-rikorrenti qeghdin isostnu illi kien hemm rinunzja da parte taghhom.

**Ghal dawn il-motivi**

Dan it-Tribunal qieghed jilqa t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata li huwa inkompetenti *ratione materiae* li jkompli jisma' il- kawza u ghalhekk jastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz minghajr pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrenti li jressqu t-talba taghhom quddiem l-arbitragg kompetenti, jekk ikun il-kaz. Bl-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**